DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/644/PESK

tal-25 ta' Ottubru 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK.

(2) Il-Kunsill wettaq reviżjoni sħiħa tal-lista ta' persuni u entitajiet, kif tidher fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, li għalihom japplikaw l-Artikoli 19(1)(b) u 20(1)(b) ta' dik id-Deċiżjoni. Meta għamel dan, il-Kunsill ħa kont ta' osservazzjonijiet ippreżentati minn dawk ikkonċernati.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li, bl-eċċezzjoni ta' żewġ entitajiet, il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandhom jibqgħu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fiha.

(4) Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li d-daħliet li jikkonċernaw ċerti entitajiet fil-lista għandhom jiġu emendati.

(5) Il-lista tal-persuni u l-entitajiet imsemmijin fl-Artikoli 19(1)(b) u 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandu jiġi sostitwit bit-test imniżżel fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

ANNESS

"ANNESS II

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 19(1)(b) u ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 20(1)(b)

I. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet fir-rigward ta' missili nukleari jew ballistiċi**

A. *Persuni*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Reza AGHAZADEH	DtT: 15/03/1949 Numru tal-Passaport: S4409483 validu 26/04/2000 – 27/04/2010 Maħruġ: Teħeran, Numru tal-passaport diplomatiku: D9001950, maħruġ fit-22/01/2008 validu sal-21/01/2013, Post tat-twelid: Khoy	Ex Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.4.2007
2.	Ali DIVANDARI (magħruf ukoll bħala DAVANDARI)		Kap tal-Bank Mellat (ara Parti B, nru 4)	26.7.2010
3.	Dr Hoseyn (Hossein) FAQIHIAN	Indirizz tal-NFPC: AEOI-NFPD, P.O. Box: 11365-8486, Tehran / Iran	Deputat u Direttur-Ġenerali tal-Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC) (ara Parti B, nru 30), parti mill-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006). L-NFPC hija involuta f'attivitajiet marbutin mal-arrikkiment li l-Iran huwa rikjest jissospendi mill-Bord tal-IAEA u l-Kunsill tas-Sigurtà.	23.4.2007
4.	Inġinier Mojtaba HAERI		MODAFL, Deputat għall-Industrija. Rwol superviżorju fuq l-AIO u d-DIO	23.6.2008
5.	Mahmood JANNATIAN DtT:	DtT 21/04/1946, numru tal-passaport: T12838903	Viċi Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran	23.6.2008
6.	Said Esmail KHALILIPOUR (magħruf ukoll bħala: LANGROUDI)	DtT: 24/11/1945, PtT: Langroud	Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.4.2007
7.	Ali Reza KHANCHI	Indirizz tal-NRC: AEOI-NRC P.O. Box: 11365-8486 Tehran/ Iran; Fax: (+9821) 8021412	Kap ta' Tehran Nuclear Research Centre tal-AEOI. L-IAEA għadha tfittex kjarifika mill-Iran dwar esperimenti ta' separazzjoni tal-plutonju mwettqin fit-TNRC, inkluż dwar il-preżenza ta' partiċelli ta' HEU fil-kampjuni ambjentali meħudin mill-Karaj Waste Storage Facility fejn jinsabu kontenituri użati għall-ħażna ta' miri tal-uranju eżawrit f'dawk l-esperimenti. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.4.2007
8.	Ebrahim MAHMUDZADEH		Direttur Maniġerjali ta' Iran Electronic Industries (ara Parti B, nru 20)	23.6.2008
9.	Fereydoun MAHMOUDIAN	twieled fis-07/11/1943 fl-Iran. Nru tal-Passaport 05HK31387 maħruġ fl-01/01/2002 fl-Iran, validu sas-07/08/2010 Naturalizzat Franċiż fis-07/05/2008	Direttur ta' Fulmen (ara Parti B, nru 13)	26.7.2010
10.	Brigadier Ġenerali Beik MOHAMMADLU		Deputat ta' MODAFL għall-Provvisti u l-Loġistika (ara Parti B, nru 29)	23.6.2008

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
11.	Mohammad MOKHBER	4th Floor, No 39, Ghandi Street, Tehran Iran 1517883115	President tal-Fondazzjoni Setad Ejraie, fond ta' investiment marbut ma' Ali Khameneï, il-gwida suprema. Membru tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-Bank Sina.	26.7.2010
12.	Mohammad Reza MOVASAGHNIA		Kap tal-Grupp Industrijali Samen Al A'Emmeh (SAIG) magħruf ukoll bħala Cruise Missile Industry Group. Din l-organizzazzjoni ġiet indikata taħt il-UNSCR 1747 u elenkata fl-Anness I għall-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK.	26.7.2010
13.	Anis NACCACHE		Amministratur tal-kumpanniji Barzagani Tejarat Tavanmad Saccal; il-kumpannija tiegħu ppruvat tipprokura oġġetti sensittivi għal entitajiet indikati taħt ir-Riżoluzzjoni 1737 (2006).	23.6.2008
14.	Brigadier Ġenerali Mohammad NADERI		Kap ta' Aerospace Industries Organisation (AIO) (ara Parti B, nru1). AIO ħadet sehem fi programmi sensittivi Iranjani.	23.6.2008
15.	Ali Akbar SALEHI		Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	17.11.2009
16.	Viċi Ammirall Mohammad SHAFI'I RUDSARI		Eks-Deputat ta' MODAFL għall-Koordinazzjoni (ara Parti B, nru 29)	23.6.2008
17.	Abdollah SOLAT SANA		Direttur Maniġerjali ta' Uranium Conversion Facility (UCF) f'Esfahan. Din hija l-faċilità li tipproduċi l-materja prima (UF6) għall-faċilitajiet ta' arrikkiment f'Natanz. Fis-27 ta' Awwissu 2006, Solat Sana rċieva onorifiċenza speċjali mill-President Ahmadinejad għar-rwol tiegħu.	23.4.2007

B. *Entitajiet*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Aerospace Industries Organisation, AIO	AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran Langare Street, Nobonyad Square, Tehran, Iran	L-AIO tissorvelja l-produzzjoni Iranjana tal-missili, inkluż ix-Shahid Hemmat Industrial Group, ix-Shahid Bagheri Industrial Group u l-Fajr Industrial Group, li kollha kienu indikati fil-UNSCR 1737 (2006). Il-kap tal-AIO u żewġ uffiċjali anzjani oħra kienu wkoll imsemmija fil-UNSCR 1737 (2006)	23.4.2007
2.	Armed Forces Geographical Organisation		Ivvalutata li tipprovdi data ġeospazzjali għall-programm tal-Missili Ballistiċi	23.6.2008
3.	Azarab Industries	Ferdowsi Ave, P.O. Box 11365-171, Tehran, Iran	Intrapriża fis-settur tal-enerġija li tipprovdi appoġġ fil-manifattura tal-programm nukleari, inkluża l-proliferazzjoni ta' attivitajiet sensittivi indikati. Involuta fil-bini tar-reattur ta' ilma tqil Arak.	26.7.2010
4.	Bank Mellat (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Head Office Building, 327 Takeghani (Taleghani) Avenue, Tehran 15817, Iran; P.O. Box 11365-5964, Tehran 15817, Iran;	Il-Bank Mellat jimpenja ruħu fi stil ta' mġiba li tappoġġa u tiffaċilita l-programmi fir-rigward tal-missili nukleari u ballistiċi tal-Iran. Huwa pprovda servizzi bankarji lill-entitajiet elenkati min-NU u l-UE jew lil entitajiet li jaġixxu għan-nom tagħhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew lil entitajiet ipposeduti jew ikkontrollati minnhom. Huwa l-bank matriċi tal-First East Export Bank li huwa indikat taħt il-UNSCR 1929.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(a) Mellat Bank SB CJSC	P.O. Box 24, Yerevan 0010, Repubblika tal-Armenja	Ipposedut 100% mill-Bank Mellat	26.7.2010
	(b) Persia International Bank Plc	Number 6 Lothbury, Kodiċi Postali: EC2R 7HH, Renju Unit	Ipposedut 60% mill-Bank Mellat	26.7.2010
5.	Bank Melli, Bank Melli Iran (inkluži l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Ferdowsi Avenue, P.O. Box 11365-171, Tehran, Iran	Jipprovdi jew jipprova jipprovdi appoġġ finanzjarju lil kumpanniji li huma involuti fi jew li jakkwistaw merkanzija għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran (AIO, SHIG, SBIG, AEOI, Novin Energy Company, Mesbah Energy Company, Kalaye Electric Company u d-DIO). Il-Bank Melli jagħmilha ta' faċilitatur għall-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Huwa ffaċilita bosta akkwisti ta' materjali sensittivi għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran. Huwa pprovda firxa ta' servizzi finanzjarji f'isem entitajiet marbuta mal-industriji nukleari u tal-missili tal-Iran, inkluż il-ftuħ ta' ittri ta' kreditu u ż-żamma tal-kontijiet. Ħafna mill-kumpanniji t'hawn fuq ġew indikati fil-UNSCR 1737 (2006) u 1747 (2007). Bank Melli jkompli f'dan ir-rwol, billi jimpenja ruħu f'mudell ta' aġir li jappoġġa u jiffaċilita l-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Bl-użu tar-relazzjonijiet bankarji tiegħu, huwa jkompli jipprovdi appoġġ għal, u servizzi finanzjarji lil, entitajiet elenkati min-NU u l-UE f'konnessjoni ma' tali attivitajiet. Huwa jaġixxi wkoll f'isem, u taħt id-direzzjoni ta' tali entitajiet, inkluż Bank Sepah, billi spiss jopera permezz tas-sussidjarji u l-assoċjati tagħhom.	23.6.2008
	(a) Arian Bank (magħrufa wkoll bħala Aryan Bank)	House 2, Street Number 13, Wazir Akbar Khan, Kabul, Afganistan	Arian Bank huwa impriża konġunta bejn il-Bank Melli u l-Bank Saderat.	26.7.2010
	(b) Assa Corporation	ASSA CORP, 650 (or 500) Fifth Avenue, New York, USA; Nru tal-Identità tat-Taxxa 1368932 (Stati Uniti)	Assa Corporation hija kumpannija ta' kopertura maħluqa u kkontrollata mill-Bank Melli. Hija ġiet stabbilita mill-Bank Melli biex tgħaddi l-flus mill-Istati Uniti lejn l-Iran.	26.7.2010
	(c) Assa Corporation Ltd	6 Britannia Place, Bath Street, St Helier JE2 4SU, Gżejjer Jersey Channel	Assa Corporation Ltd hija l-organizzazzjoni matriċi tal-Assa Corporation. Ippossedutа jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(d) Bank Kargoshaie (magħruf ukoll bħala Kargoshaee Bank, magħruf wkoll bħala Kargosai Bank)	587 Mohammadiye Square, Mowlavi St., Tehran 11986, Iran	Il-Bank Kargoshaee huwa ppossedut mill- Bank Melli.	26.7.2010
	(e) Bank Melli Iran Investment Company (BMIIC)	No 1 - Didare Shomali Haghani Highway 1518853115 Tehran Iran; Indirizz Alternattiv: No 2, Nader Alley, Vali-Asr Str., Tehran, Iran, P.O. Box 3898-15875; Indirizz Alternattiv: Bldg 2, Nader Alley after Beheshi Forked Road, P.O. Box 15875-3898, Tehran, Iran 15116; Indirizz Alternattiv: Rafiee Alley, Nader Alley, 2 After Serahi Shahid Beheshti, Vali E Asr Avenue, Tehran, Iran; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 89584.	Affiljata ma' entitajiet li ilhom sanzjonati mill-Istati Uniti, l-Unjoni Ewropea jew in-Nazzjonijiet Uniti mill-2000. Indikata mill-Istati Uniti bħala li hija pposeduta jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(f) Bank Melli Iran	Number 9/1, Ulitsa Mashkova, Moscow, 130064, Russja Indirizz Alternattiv: Mashkova st. 9/1 Moscow 105062 Russia		23.6.2008
	(g) Bank Melli Printing and Publishing Company (BMPPC)	18th Km Karaj Special Road, 1398185611 Tehran, Iran, P.O. Box 37515-183; Indirizz Alternattiv: Km 16 Karaj Special Road, Tehran, Iran; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju:	Indikata mill-Istati Uniti għax ipposeduta jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(h) Cement Investment and Development Company (CIDCO) (magħrufa wkoll bħala: Cement Industry Investment and Development Company, CIDCO, CIDCO Cement Holding)	No 20, West Nahid Blvd. Vali Asr Ave. Tehran, Iran, 1967757451 No. 241, Mirdamad Street, Tehran, Iran	Ipposeduta kompletament mill-Bank Melli Investment Co. Holding Company biex tamministra l-kumpanniji kollha tas-siment ipposeduti minn BMIIC	26.7.2010
	(i) First Persian Equity Fund	Walker House, 87 Mary Street, George Town, Grand Cayman, KY1-9002, Cayman Islands; Indirizz Alternattiv: Clifton House, 7z5 Fort Street, P.O. Box 190, Grand Cayman, KY1-1104; Cayman Islands; Indirizz Alternattiv: Rafi Alley, Vali Asr Avenue, Nader Alley, Tehran, 15116, Iran, P.O.Box 15875-3898	Ibbażata f'Kajman, b'fondi liċenzjati mill-Gvern Iranjan għall-investiment barrani fit-Teheran Stock Exchange	26.7.2010
	(j) Mazandaran Cement Company	No 51, Sattari St. Afric Ave. Tehran Iran Indirizz Alternattiv: Africa Street No 40, P.O.Box 121, Tehran Iran 19688; Indirizz Alternattiv: 40 Satari Ave. Afrigha Highway, P.O. Box 19688, Tehran Iran	Ikkontrollata mill-Bank Melli Iran	26.7.2010
	(k) Mehr Cayman Ltd.	Gżejjer Kajman; Numru tar-Reġistrazzjoni Kummerċjali 188926 (Gżejjer Kajman)	Ippossedut a jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(l) Melli Agrochemical Company PJS (magħrufa wkoll bħala: Melli Shimi Keshavarz)	5th Floor 15th Street, Gandi Ave. Vanak Sq., Tehran, Iran Indirizz Alternattiv: Mola Sadra Street, 215 Khordad, Sadr Alley No 13, Vanak Sq., P.O. Box 15875-1734, Tehran, Iran	Ippossedut a jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(m) Melli Bank plc	London Wall, 11th floor, London EC2Y 5EA, Renju Unit		23.6.2008

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(n) Melli Investment Holding International	514 Business Avenue Building, Deira, P.O. Box 181878, Dubai, Emirati Għarab Magħquda; Numru taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni (Dubai) 0107 maħruġ fit-30 ta' Novembru 2005.	Ippossedut jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(o) Shemal Cement Company (magħrufa wkoll bħala: Siman Shomal, magħrufa wkoll bħala Shomal Cement Company)	No 269 Dr Beheshti Ave. P.O. Box 15875/4571 Tehran - 15146 Iran Indirizz Alternattiv: Dr Beheshti Ave No 289, Tehran, Iran 151446; Indirizz Alternattiv: 289 Shahid Baheshti Ave., P.O. Box 15146, Tehran, Iran	Ikkontrollata mill-Bank Melli Iran	26.7.2010
6.	Bank Refah	40, North Shiraz Street, Mollasadra Ave., Vanak Sq., Tehran, 19917 Iran	Il-Bank Refah wettaq operazzjonijiet għall-Bank Melli b'segwitu tas-sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea fuq dan tal-aħħar	26.7.2010
7.	Bank Saderat Iran (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Bank Saderat Tower, 43 Somayeh Ave, Tehran, Iran.	Il-Bank Saderat huwa bank ippossedut parzjalment mill-Gvern Iranjan. Il-Bank Saderat ipprovda servizzi finanzjarji għal entitajiet li jipprokuraw f'isem il-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tal-Iran, inklużi entitajiet indikati taħt il-UNSCR 1737. Il-Bank Saderat ittratta ħlasijiet u ittri ta' kreditu ta' DIO (sanzjonata fil-UNSCR 1737) u Iran Electronics Industries sad-data riċenti ta' Marzu 2009. Fl-2003 l-Bank Saderat ittratta ittri ta' kreditu f'isem Mesbah Energy Company tal-Iran relatata man-nuklear (sussegwentement sanzjonata fil-UNSR 1737).	26.7.2010
	(a) Bank Saderat PLC (London)	5 Lothbury, London, EC2R 7 HD, Renju Unit	Sussidjarja ppossedut 100 % mill-Bank Saderat	
8.	Sina Bank	187, Avenue Motahari, Teheran, Iran	Dan il-bank huwa marbut ħafna mal-interessi ta' "Daftar" (uffiċċju ta' Gwida: amministrazzjoni magħmula minn madwar 500 kollaboraturi). B'ħekk huwa jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim.	26.7.2010
9.	ESNICO (Equipment Supplier for Nuclear Industries Corporation)	No1, 37th Avenue, Asadabadi Street, Tehran, Iran	Jipprokura merkanzija industrijali, speċifikament għall-attivitajiet tal-programm nukleari mwettaq minn AEOI, Novin Energy u Kalaye Electric Company (kollha indikati taħt il-UNSCR 1737). Id-Direttur ta' ESNICO huwa Haleh Bakhtiar (indikat taħt l-UNSCR 1803).	26.7.2010
10.	Etemad Amin Invest Co Mobin	Pasadaran Av. Tehran, Iran	Qrib Naftar u Bonyad-e Mostazafan, Etemad Amin Invest Co Mobin tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim u tal-Istat parallell Iranjan.	26.7.2010
11.	Export Development Bank of Iran (EDBI) (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Export Development Building, 21st floor, Tose'e tower, 15th st, Ahmad Qasir Ave, Tehran -Iran, 15138 - 35711 next to the 15th Alley, Bokharest Street, Argentina Square, Tehran, Iran; Tose'e Tower, Kantuniera ma' 15th St., Ahmad Qasir Ave., Argentine Square, Tehran, Iran; No 129, 21 's Khaled Eslamboli, No. 1 Building, Tehran, Iran; Numru tar-Reġistrazzjoni Kummerċjali: 86936 (Iran)	L-Export Development Bank of Iran (EDBI) kien involut fil-provvista ta' servizzi finanzjarji lill-kumpanniji marbutin mal-programmi tal-Iran relatati mal-proliferazzjoni u għen entitajiet indikati min-NU biex jiskansaw u jiksru s-sanzjonijiet. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji lil entitajiet subordinati tal-MODAFL u lill-kumpanniji ta' kopertura tagħhom li jappoġġaw il-programmi tal-Iran fir-rigward tal-missili nukleari u ballistiċi. Huwa kompla jittratta ħlasijiet għall-Bank Sepah, wara n-nomina min-NU, inklużi ħlasijiet relatati mal-programmi tal-Iran fir-rigward tal-missili nukleari u ballistiċi. L-EDBI ttratta transazzjonijiet b'rabta mal-entitajiet tal-Iran tad-difiża u tal-missili, li ħafna minnhom ġew	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			sanzjonati mill-UNSCR. L-EDBI serva bħala intermedjarju prinċipali li ttratta l-finanzjament tal-Bank Sepah (sanzjonat mill-UNSCR mill-2007), inklużi ħlasijiet relatati mal-AQM. L-EDBI jipprovdi servizzi finanzjarji lil diversi entitajiet tal-MODAFL u ffaċilita attivitajiet ta' prokura dejjem għaddejjin ta' kumpanniji ta' kopertura assoċjati ma' entitajiet tal-MODAFL.	
	(a) EDBI Exchange Company (magħrufa wkoll bħala Export Development Exchange Broker Co.)	No 20, 13th St., Vozara Ave., Tehran, Iran 1513753411, P.O. Box:15875-6353 Indirizz Alternattiv: Tose'e Tower, Kantuniera ma' 15th St., Ahmad Qasir Ave., Argentine Square, Tehran, Iran	Ibbażata f'Tehran, l-EDBI Exchange Company hija ppossedutа 70% mill-Export Development Bank tal-Iran (EDBI. Hija ġiet indikata mill-Istati Uniti f'Ottubru 2008 għax hija ppossedutа jew ikkontrollata mill-EDBI.	26.7.2010
	(b) EDBI Stock Brokerage Company	Tose'e Tower, Kantuniera ma' 15th St., Ahmad Qasir Ave., Argentine Square, Tehran, Iran	Ibbażata f'Tehran, l-EDBI Stock Brokerage Company hija sussidjarja ppossedutа kompletament mill-Export Development Bank of Iran (EDBI). Hija ġiet indikata mill-Istati Uniti f'Ottubru 2008 għax hija ppossedutа jew ikkontrollata mill-EDBI.	26.7.2010
	(c) Banco Internacional De Desarrollo CA	Urb. El Rosal, Avenida Francesco de Miranda, Edificio Dozsa, Piso 8, Caracas C.P. 1060, Venezwela	Banco Internacional De Desarrollo CA huwa ppossedut mill-Export Development Bank of Iran.	26.7.2010
12.	Fajr Aviation Composite Industries	Mehrabad Airport, P.O. Box 13445-885, Tehran, Iran	Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan il-MODAFL (ara nru 29), li primarjament tipproduċi materjali komposti għall-industrija tal-inġenji tal-ajru, iżda wkoll b'rabta mal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' carbon fibre għall-applikazzjonijiet nukleari u tal-missili. Marbuta mat-Technology Cooperation Office. L-Iran ħabbar reċentement l-intenzjoni tiegħu li jipproduċi bil-massa ġenerazzjoni ġdida ta' centrifuges li ser jeħtieġu kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' carbon fibre FACI.	26.7.2010
13.	Fulmen	167 Darya boulevard - Shahrak Ghods, 14669 - 8356 Tehran.	Fulmen kien implikat fl-istallazzjoni ta' tagħmir elettroniku fuq is-sit ta' Qom/Fordoo fi żmien meta l-eżistenza ta' dan is-sit kienet għadha mhiex magħrufa.	26.7.2010
	(a) Arya Niroo NikArya	Suite 5 - 11th floor - Nahid Bldg, Shahnazari Street – Mohseni Square Tehran	Arya Niroo Nik hija kumpannija fittizja użata minn Fulmen għal uħud mill-operazzjonijiet tiegħu.	26.7.2010
14.	Future Bank BSC	Block 304. City Centre Building. Building 199, Government Avenue, Road 383, Manama, Bahrain. PO Box 785; Dokument 2k tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 54514-1 (Bahrejn) jiskadi fid-9 ta' Ġunju 2009; Nru tal-Liċenzja tal-Kummerċ (Bahrejn)	Żewġ terzi mill-Future Bank ibbażat f'Bahrain huma ppossedutі mill-banek Iranjani. Il-Bank Melli u l-Bank Saderat, indikati mill-UE, għandhom kull wieħed terz mill-ishma, bit-terz li jifdal ippossedut mill-Ahli United Bank (AUB) tal-Bahrejn. Għalkemm l-AUB għad għandu l-ishma tiegħu tal-Future Bank, skont ir-rapport annwali tiegħu tal-2007, l-AUB m'għadux jeżerċita influwenza sinifikanti fuq il-bank li hu effettivament ikkontrollat mill-matriċi Iranjani, t-tnejn li huma msemmija fil-UNSCR 1803 bħala banek Iranjani li jeħtieġu "viġilanza" partikolari. Ir-rabtiet stretti bejn il-Future Bank u l-Iran hemm aktar evidenza tagħhom fil-fatt li l-President tal-Bank Melli kellu wkoll fl-istess żmien il-pożizzjoni ta' President tal-Future Bank.	26.7.2010
15.	Industrial Development & Renovation Organization (IDRO)		Korp tal-Gvern responsabbli għall-aċċellerazzjoni tal-industrijalizzazzjoni tal-Iran. Jikkontrolla diversi kumpanniji involuti fil-ħidma għall-programmi nukleari u tal-missili u involut fit-teknoloġija tal-manifattura avvanzata għall-prokurament barrani sabiex jappoġġahom.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Iran Aircraft Industries (IACI)		Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan MODAFL (ara nru 29). Timmanifattura, issewwi, u twettaq eżaminazzjonijiet bir-reqqa ta' ajruplani u magni tal-inġenji tal-ajru u tipprokura partijiet relatati mal-avjazzjoni spiss ta' oriġini mill-Istati Uniti, tipikament permezz ta' intermedjarji barranin. L-IACI u s-sussidjarji tagħha nqabdu wkoll jużaw netwerk dinji ta' sensara li jfittxu li jipprokuraw merkanzija relatata mal-avjazzjoni.	26.7.2010
17.	Iran Aircraft Manufacturing Company (magħrufa wkoll bħala: HESA, HESA Trade Center, HTC, IAMCO, IAMI, Iran Aircraft Manufacturing Company, Iran Aircraft Manufacturing Industries, Karkhanejate Sanaye Havapaymaie Iran, Hava Peyma Sazi-e Iran, Havapeyma Sazhran, Havapeyma Sazi Iran, Hevapeimasazi)	P.O. Box 83145-311, 28 km Esfahan – Tehran Freeway, Shahin Shahr, Esfahan, Iran; P.O. Box 14155-5568, No 27 Ahahamat Aave., Vallie Asr Square, Tehran 15946, Iran; P.O. Box 81465-935, Esfahan, Iran; Shahih Shar Industrial Zone, Isfahan, Iran; P.O. Box 8140, No 107 Sepahbod Gharany Ave., Tehran, Iran	Ippossedut jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' MODAFL (ara nru 29).	26.7.2010
18.	Iran Centrifuge Technology Company (magħrufa wkoll bħala TSA jew TESA)		It-TESA ħadet f'idejha l-attivitajiet tal-Farayand Technique (indikata taħt il-UNSCR 1737). Hija timmanifattura partijiet ta' centrifuge għall-arrikkiment taluranju, u qed tappoġġa direttament attivitajiet sensittivi għall-proliferazzjoni li l-Iran huwa meħtieġ li jissospendi mill-UNSCRs. Hija twettaq ħidma għall-Kalaye Electric Company (indikati taħt il-UNSCR 1737).	26.7.2010
19.	Iran Communications Industries (ICI)	PO Box 19295-4731, Pasdaran Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: PO Box 19575-131, 34 Apadana Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: Shahid Langary Street, Nobonyad Square Ave, Pasdaran, Tehran	Iran Communications Industries, sussidjarja ta' Iran Electronics Industries (ara nru 23), tipproduċi diversi oġġetti, inklużi sistemi ta' komunikazzjoni, avionics, tagħmir ta' optics u electro-optics, micro-electronics, teknoloġija tal-informazzjoni, test u measurement, sigurtà tat-telekomunikazzjoni, tagħmir elettroniku tal-gwerra, manifattura u tiġdid ta' radar tube, u missile launchers. Dawn l-oġġetti jistgħu jintużaw fi programmi li jinsabu taħt sanzjoni skont il-UNSCR 1737.	26.7.2010
20.	Iran Electronic Industries (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	P. O. Box 18575-365, Tehran, Iran	Sussidjarja sħiħa ta' proprjetà ta' MODAFL (u għaldaqstant organizzazzjoni li tagħmel parti mill-istress grupp bħall-AIO, l-AvIO u d-DIO). Ir-rwol tagħha hu li timmanifattura komponenti elettroniċi għas-sistemi Iranjani tal-armi.	23.6.2008
	(a) Isfahan Optics	P.O. Box 81465-313 Kaveh Ave. Isfahan - Iran P.O.Box 81465-117, Isfahan, Iran	Ippossedut jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' Iran Electronics Industries	26.7.2010
21.	Iran Insurance Company (magħrufa wkoll bħala Bimeh Iran)	121 Fatemi Ave., P.O.Box 14155-6363 Tehran, Iran	Iran Insurance Company assigurat ix-xiri ta' diversi oġġetti li jistgħu jintużaw fi programmi li huma sanzjonati mill-UNSCR 1737. L-oġġetti mixtrijin assigurati jinkludu partijiet għall-elikotteri, electronics, u kompjuters b'applikazzjonijiet f'inġenji tal-ajru u n-navigazzjoni tal-missili.	26.7.2010
22.	Iranian Aviation Industries Organization (IAIO)	Ave. Sepahbod Gharani P.O.Box 15815/1775 Tehran Iran Ave. Sepahbod Gharani P.O.Box 15815/3446 Tehran Iran 107 Ave. Sepahbod Gharani, Tehran Iran	Organizzazzjoni ta' MODAFL (ara nru 29) responsabbli għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-industrija tal-avjazzjoni militari tal-Iran.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
23.	Javedan Mehr Toos		Kumpannija tal-inġinerija li tipprokura għall-Atomic Energy Organisation tal-Iran li ġiet indikata taħt il-UNSCR 1737	26.7.2010
24.	Kala Naft	Kala Naft Tehran Co, P.O. Box 15815/1775, Gharani Avenue, Tehran, Iran; No 242 Shahid Kalantri Street - Near Karim Khan Bridge - Sepahbod Gharani Avenue, Tehran; Kish Free Zone, Trade Center, Kish Island, Iran; Kala Ltd., NIOC House, 4 Victoria Street, London Sw1H1	Tagħmel kummerċ ta' tagħmir għas-settur taż-żejt u l-gass li jista' jintuża għall-programm nukleari tal-Iran. Ippruvat tipprokura materjal (alloy gates li jifilħu ħafna) li m'għandhomx użu barra l-industrija nukleari. Għandha rabtiet ma' kumpanniji involuti fil-programm nukleari tal-Iran.	26.7.2010
25.	Machine Sazi Arak	4th km Tehran Road, P.O. Box 148, Arak, Iran	Intrapriża fis-settur tal-enerġija affiljata mal-IDRO li tipprovdi appoġġ fil-manifattura tal-programm nukleari, inkluża l-proliferazzjoni ta' attivitajiet sensittivi indikati. Involuta fil-bini tar-reattur ta' ilma tqil Arak. F'Lulju 2009, ir-Renju Unit qassam notifika ta' ċaħda tal-esportazzjoni kontra Machine Sazi Arak għal "alumina graphite stopper rod." F'Mejju 2009, l-Isvezja ċaħdet l-esportazzjoni lill-Machine Sazi Arak ta' "cladding of dish ends for pressure vessels".	26.7.2010
26.	Marine Industries	Pasdaran Av., P.O. Box 19585/777, Tehran	Sussidjarja tad-DIO.	23.4.2007
27.	MASNA (Moierat Saakht Niroogahye Atomi Iran) Kumpannija Maniġerjali għall-Kostruzzjoni tal-Impjanti tal-Enerġija Nukleari		Subordinata għall-AEOI u Novin Energy (it-tnejn indikati taħt il-UNSCR 1737). Involuti fl-iżvilupp tar-reatturi nukleari.	26.7.2010
28.	Mechanic Industries Group		Ħadet sehem fil-produzzjoni ta' komponenti għall-programm ballistiku	23.6.2008
29.	Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	West side of Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran	Responsabbli għall-programmi ta' riċerka, żvilupp u manifattura għad-difiża tal-Iran, inkluż appoġġ għall-programmi tal-missili u nukleari.	23.6.2008
30.	Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC)	AEOI-NFPD, P.O. Box: 11365-8486, Tehran / Iran P.O. Box 14144-1339, Endof North Karegar Ave., Tehran, Iran	Id-Diviżjoni tal-Produzzjoni ta' Karburant Nukleari (NFPD) tal-AEOI hija responsabbli għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam taċ-ċiklu tal-karburant nukleari inklużi: l-esplorazzjoni tal-uranju, ix-xogħol fil-minjieri, it-tħin, il-konverżjoni u l-ġestjoni tal-iskart nukleari. L-NFPC hija s-suċċessur tal-NFPD, il-kumpannija sussidjarja taħt l-AEOI li tmexxi r-riċerka u l-iżvilupp fiċ-ċiklu tal-karburant nukleari inkluż il-konverżjoni u l-arrikkiment	23.4.2007
31.	Parchin Chemical Industries		Ħadmet fuq tekniċi ta' propulsjoni għall-programm ballistiku tal-Iran.	23.6.2008
32.	Parto Sanat Co	No 1281 Valiasr Ave., Next to 14th St., Tehran, 15178 Iran.	Manifattur ta' frequency changers u hija kapaċi tiżviluppa/timmodifika changers ta' frekwenza barranija importata b'tali mod li jkunu jistgħu jintużaw fl-arrikkiment tas-centrifuge tal-gass. Hija meqjusa li hija involuta f'attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
33.	Passive Defense Organization		Responsabbli għall-għażla u l-bini ta' faċilitajiet strateġiċi, inkluż - skont id-dikjarazzjonijiet Iranjani - issit għall-arrikkiment tal-uranju f'Fordow (QOM) mibni mingħajr ma ġie dikjarat lill-IAEA kuntrarjament għall-obbligi tal-Iran (affermati f'riżoluzzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-IAEA). Il-Brigadier Ġenerali Gholam-Reza Jalali, li qabel kien IRGC huwa l-president tal-PDO.	26.7.2010
34.	Post Bank	237, Motahari Ave., Tehran, Iran 1587618118	Il-Post Bank evolva minn bank domestiku Iranjan għal bank li jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali tal-Iran. Jaġixxi għan-nom tal-Bank Sepah (indikat taħt il-UNSCR 1747), waqt li jwettaq transazzjonijiet tal-Bank Sepah u jaħbi l-konnessjoni tal-Bank Sepah mat-transazzjonijiet sabiex jiskansa s-sanzjonijiet. Fl-2009 l-Post Bank iffaċilita l-kummerċ għan-nom tal-Bank Sepah bejn l-industriji tad-difiża tal-Iran u benefiċjarji barra l-pajjiż. Huwa ffaċilita l-kummerċ ma' kumpannija ta' kopertura għat-Tranchon Commercial Bank tar-RDPK magħruf li jiffaċilita l-kummerċ relatat mal-proliferazzjoni bejn l-Iran u r-RDPK.	26.7.2010
35.	Raka		Dipartiment tal-Kalaye Electric Company (indikata taħt i-UNSCR 1737). Stabbilit lejn l-aħħar tal-2006, kien responsabbli għall-bini tal-Impjant tal-Arrikkiment tal-Uranju f'Fordow (Qom).	26.7.2010
36.	Research Institute of Nuclear Science & Technology (magħrufa wkoll bħala. Nuclear Science & Technology Research Institute)		Subordinat tal-AEOI u jkompli l-ħidma tad-Diviżjoni tar-Riċerka tiegħu ta' qabel. Id-direttur maniġerjali tiegħu huwa l-Viċi President Mohammad Ghannadi (indikat fil-UNSCR 1737).	26.7.2010
37.	Schiller Novin	Gheytariyeh Avenue - no153 - 3rd Floor - PO BOX 17665/153 6 19389 Tehran	Jaġixxi għan-nom tad-Defense Industries Organisation (DIO).	26.7.2010
38.	Shahid Ahmad Kazemi Industrial Group		SAKIG jiżviluppa u jipproduċi sistemi tal-missili mill-art-għall-ajru għall-militari tal-Iran. Huwa jmantni proġetti militari, bil-missili u ta' difiża tal-ajru u jipprokura merkanzija mir-Russja, il-Bjelorussja u l-Korea ta' Fuq.	26.7.2010
39.	Shakhese Behbud Sanat		Involut fil-produzzjoni ta' tagħmir u partijiet għaċ-ċiklu tal-karburant nukleari.	26.7.2010
40.	State Purchasing Organisation (SPO)		Jidher li l-SPO tiffaċilita l-importazzjoni ta' armi sħaħ. Jidher li hija sussidjarja tal-MODAFL	23.6.2008
41.	Technology Cooperation Office (TCO) tal-Uffiċċju tal-President Iranjan	Tehran, Iran	Responsabbli għall-avvanz teknoloġiku tal-Iran permezz ta' prokuri barranin u rabtiet ta' taħriġ rilevanti. Jappoġġa l-programmi nukleari u tal-missili.	26.7.2010
42.	Yasa Part, (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:		Kumpannija li tittratta attivitajiet ta' prokura relatati max-xiri ta' materjali u teknoloġiji meħtieġa għall-programmi nukleari u ballistiċi.	26.7.2010
	(a) Arfa Paint Company		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(b) Arfeh Company		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(c) Farasepehr Engineering Company		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(d) Hosseini Nejad Trading Co.		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(e) Iran Saffron Company or Iran-saffron Co.		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(f) Shetab G.		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(g) Shetab Gaman		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(h) Shetab Trading		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010
	(i) Y.A.S. Co. Ltd		Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part.	26.7.2010

II. **Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)**

A. *Persuni*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Javad DARVISH-VAND		MODAFL, Deputat għall-Ispezzjoni. Responsabbli għall-faċilitajiet u l-installazzjonijiet kollha tal-MODAFL	23.6.2008
2.	Viċi Ammiral Ali FADAVI		Kmandant tal-flotta tal-IRGC	26.7.2010
3.	Parviz FATAH	twieled fl-1961	In-numru tnejn ta' Khatam al Anbiya	26.7.2010
4.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Seyyed Mahdi FARAHI		Direttur Maniġerjali tad-Defence Industries Organisation (DIO) li hija indikata fil-UNSCR 1737 (2006)	23.6.2008
5.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ali HOSEYNITASH		Kap tad-Dipartiment Ġenerali tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali u involut fit-tfassil tal-politika dwar il-kwistjoni nukleari	23.6.2008
6.	Mohammad Ali JAFARI, IRGC		Kmandant tal-IRGC	23.6.2008
7.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Mostafa Mohammad NAJJAR		Ministru tal-Intern u Ex Ministru tal-MODAFL, responsabbli għall-programmi militari kollha, inklużi l-programmi tal-missili ballistiċi.	23.6.2008
8.	Brigadier Ġenerali Mohammad Reza NAQDI	Twieled fl-1953, Nadjaf (Iraq)	Kmandant tal-Basij Resistance Force	26.7.2010
9.	Brigadier Ġenerali Mohammed PAKPUR		Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC	26.7.2010
10.	Rostam QASEMI (magħrufa wkoll bħala Rostam GHASEMI)	Twieled fl-1961	Kmandant tal-Khatam al-Anbiya	26.7.2010
11.	Brigadier Ġenerali Hossein SALAMI		Deputat Kmandant tal-IRGC	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
12.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ali SHAMSHIRI		MODAFL, Deputat għall-Kontro-Intelligence, responsabbli għas-sigurtà tal-persunal u l-Installazzjonijiet tal-MODAFL	23.6.2008
13.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ahmad VAHIDI		Ministru tal-MODAFL u ex Viċi Kap tal-MODAFL	23.6.2008

B. *Entitajiet*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	Tehran, Iran	Responsabbli għall-programm nukleari tal-Iran. Għandu kontroll operattiv għall-programm tal-missili ballistiċi. Wettaq attentati ta' prokura bħala appoġġ għall-programmi tal-missili ballistiċi u nukleari tal-Iran	26.7.2010
2.	IRGC Air Force		Tħaddem l-inventarju tal-Iran tal-missili ballistiċi ta' firxa qasira u medja. Il-kap tal-forza tal-ajru tal-IRGC kien indikat fil-UNSCR 1737.	23.6.2008
3.	IRGC-Air Force Al-Ghadir Missile Command		Il-Missile Command Al-Ghadir tal-Forzi tal-Ajru tal-IRGC huwa element speċifiku fi ħdan il-Forzi tal-Ajru tal-IRGC li kien qed jaħdem mas-SBIG (indikati taħt il-UNSCR 1737) mal-FATEH 110, missili ballistiċi b'medda qasira kif ukoll il-missila ballistika ta' medda medja Ashura. Dan il-kmand jidher li hu entità li fir-realtà għandha l-kontroll operattiv tal-missili.	26.7.2010
4.	Naserin Vahid		Naserin Vahid jipproduċi l-partijiet tal-armi għannom tal-IRGC. Huwa kumpannija ta' kopertura tal-IRGC.	26.7.2010
5.	IRGC Qods Force	Tehran, Iran	L-Iran's Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Qods Force hija responsabbli għall-operazzjonijiet barra l-Iran u hija l-għodda tal-politika barranija prinċipali ta' Tehran għal operazzjonijiet speċjali u ta' appoġġ għat-terroristi u l-militanti Iżlamiċi barra l-pajjiż. Il-Hizballah uża rokits fornuti mill-Qods Froce, missili cruise kontra l-bastimenti (ASCMs), sistemi ta' difiża tal-ajru li jinġarru min-nies (MANPADS), u inġenji tal-ajru mingħajr kontroll uman (UAVs) fil-konflitt tal-2006 mal-Iżrael u ggwadanja mit-taħriġ tal-Qods Force fuq dawn is-sistemi, skont ma ġie rrappurtat fl-istampa. Skont varjetà ta' rappurtar, il-Qods Force tkompli tforni mill-ġdid u tħarreġ lill-Hizballah dwar armi avvanzati, missili kontra l-inġenji tal-ajru, u rokits għal medda twila. Il-Qods Force tkompli tipprovdi appoġġ letali limitat, tħarreġ u tiffinanzja lill-ġellieda Taliban fin-nofsinhar u l-punent tal-Afganistan inklużi armi ħfief, munizzjon, mortars, u rokits tal-kamp tal-battalja għal medda qasira. Il-Kmandant ġie sanzjonat taħt l-UNSCR	26.7.2010
6.	Sepanir Oil and Gas Energy Engineering Company (magħrufa wkoll bħala Sepah Nir)		Sussidjarja ta' Khatam al-Anbya Construction Headquarters li ġiet indikata taħt il-UNSCR 1929. Is-Sepanir Oil and Gas Engineering Company qed tipparteċipa fis-South Pars offshore Phase 15-16 gas field development project.	26.7.2010

C. *Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL) (inklużi l-ferghat kollha) u s-sussidjarji:	No 37, Aseman Tower, Sayyade Shirazee Square, Pasdaran Ave., P.O. Box 19395- 1311. Tehran. Iran; No 37,. Corner of 7th Narenjestan, Sayad Shirazi Square, After Noboyand Square, Pasdaran Ave., Tehran, Iran	L-IRISL ġiet involuta fit-trasbord ta' tagħbija relatata militarment, inkluża tagħbija proskritta mill-Iran. Tliet inċidenti tali involvew vjolazzjonijiet ċari li kienu rrappurtati lill-Kumitat tas-Saznzjonijiet tal-Iran tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-konnessjoni tal-IRISL mal-proliferazzjoni kienet tali li l-UNSCR appella lill-istati biex iwettqu spezzjonijiet fuq vetturi tal-IRISL, dment li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-vettura qed iġġorr merkanzija proskritta fil-UNSCR 1803 u 1929.	26.7.2010
	a) Bushehr Shipping Company Limited (Tehran)	143/1 Tower Road, Sliema, Slm 1604, Malta; c/o Hafiz Darya Shipping Company, Ehteshamiyeh Square 60, Neyestani 7, Pasdaran, Tehran, Iran	Ippossedut jew ikkontrollata mill-IRISL	26.7.2010
	b) Hafize Darya Shipping Lines (HDSL) (magħrufa wkoll bħala HDS Lines)	No 35 Ehteshamieh SQ. Neyestan 7, Pasdaran, Tehran, Iran P.O.Box: 1944833546 Indirizz Alternattiv: No 35 Ehteshamiyeh Square, 7th Neyestan Street, Pasdaran Avenue, Tehran, Iran; Alternative Address: Third Floor of IRISL's Aseman Tower	Taġixxi f'isem l-IRISL waqt li twettaq operazzjonijiet tal-containers bl-użu ta' bastimenti ppossedut mill-IRISL.	26.7.2010
	c) Hanseatic Trade Trust & Shipping (HTTS) GmbH	Schottweg 7, 22087 Hamburg, Germany; Opp 7th Alley, Zarafshan St, Eivanak St, Qods Township; HTTS GmbH, HTTS GmbH,	Ikkontrollata u/jew taġixxi għan-nom tal-IRISL.	26.7.2010
	d) Irano Misr Shipping Company	No 37 Asseman Tower, Shahid Lavasani (Farmanieh) Junction, Pasdaran Ave. Tehran Iran P.O.Box: 19395-1311 Indirizz Alternattiv: No 41, 3rd Floor, Corner of 6th Alley, Sunaei Street, Karim Khan Zand Ave, Tehran; 265, Next to Mehrshad, Sedaghat St., Opposite of Mellat Park, Vali Asr Ave., Tehran 1A001, Iran; 18 Mehrshad Street, Sadaghat St., Opposite of Mellat Park, Vali Asr Ave., Tehran 1A001, Iran	Taġixxi għan-nom tal-IRISL, matul il-Kanal tas-Suez u fl-Alixandra u Port Said. Ippossedut 51 % mill-IRISL.	26.7.2010
	e) Irinvestship Ltd	Global House, 61 Petty France, London SW1H 9EU, United Kingdom; Business Registration Document # 4110179 (United Kingdom)	Ipposedut mill-IRISL. Jipprovdi servizzi finanzjarji, legali u tal-assigurazzjoni għall-IRISL kif ukoll kummerċjalizzazzjoni, chartering, u ġestjoni tal-ekwipaġġ.	26.7.2010
	f) IRISL (Malta) Ltd	Flat 1, 181 Tower Road, Sliema SLM 1605, Malta	Taġixxi għan-nom tal-IRISL f'Malta. Impriża konġunta b'ishma Ġermaniżi u Maltin. L-IRISL ilha tuża r-rotta Maltija mill-2004 u tuża l-Freeport bħala l-fulkru tat-trasbord bejn il-Golf Persjan u l-Ewropa.	26.7.2010
	g) IRISL Club	No 60 Ehteshamiyeh Square, 7th Neyestan Street, Pasdaran Avenue, Tehran	Ipposedut mill-IRISL.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
h)	IRISL Europe GmbH (Hamburg)	Schottweg 5, 22087 Hamburg, Germany V.A.T. Number DE217283818 (Germany)	Aġent tal-IRISL fil-Ġermanja.	26.7.2010
i)	IRISL Marine Services and Engineering Company	Sarbandar Gas Station P.O. Box 199, Bandar Imam Khomeini, Iran; Karim Khan Zand Ave, Iran Shahr Shomai, No 221, Tehran, Iran; No 221, Northern Iranshahr Street, Karim Khan Ave, Tehran, Iran	Ipposedut mill-IRISL. Tipprovdi karburant, bunkers, ilma, żebgħa, żejt tal-lubrikazzjoni u sustanzi kimiċi meħtieġa mill-bastimenti tal-IRISL. Il-kumpannija tipprovdi wkoll sorveljanza ta' manutenzjoni ta' bastimenti kif ukoll faċilitajiet u servizzi għall-membri tal-ekwipaġġ. Is-sussidjarji tal-IRISL użaw il-kontijiet tal-bank denominati bid-dollaru tal-Istati Uniti reġistrati taħt ismijiet ta' kopertura fl-Ewropa u fil-Lvant Nofsani biex jiffaċilitaw it-trasferiment ta' rutina ta' fondi. L-IRISL iffaċilitat vjolazzjonijiet repetuti tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1747.	26.7.2010
j)	IRISL Multimodal Transport Company	No 25, Shahid Arabi Line, Sanaei St, Karim Khan Zand Zand St Tehran. Iran	Ipposedut mill-IRISL. Responsabbli għat-trasport ta' merkanzija bil-ferrovija. Hija sussidjarja kkontrollata kompletament mill-IRISL.	26.7.2010
k)	IRITAL Shipping SRL	Numru tar-Reġistrazzjoni Kummerċjali: GE 426505 (Italja); Kodiċi Fiskali Taljan: 03329300101 (Italy); V.A.T. Number: 12869140157 (Italja) Ponte Francesco Morosini 59, 16126 Genova (GE), Italy;	Il-punt ta' kuntatt għas-servizzi tal-ECL u l-PCL. Użat mis-sussidjarja tad-DIO Marine Industries Group (MIG; issa magħruf bħala l-Marine Industries Organization, MIO) li huwa responsabbli għat-tfassil u l-kostruzzjoni ta' diversi strutturi marini u kemm ta' bastimenti militari u non-militari. Id-DIO ġiet indikata taħt il-UNSCR 1737.	26.7.2010
l)	ISI Maritime Limited (Malta)	147/1 St. Lucia Street, Valetta, Vlt 1185, Malta; c/o IranoHind Shipping Co. Ltd., Mehrshad Street, PO Box 15875, Tehran, Iran	Ippossedut jew ikkontrollata mill-IRISL	26.7.2010
m)	Khazer Shipping Lines (Bandar Anzali)	No 1; End of Shahid Mostafa Khomeini St., Tohid Square, O.O. Box 43145, Bandar Anzali 1711-324, Iran; M. Khomeini St., Ghazian, Bandar Anzali, Gilan, Iran	Sussidjarja ppossedut 100% mill-IRISL. Flotta totali ta' sitt bastimenti. Topera fil-Baħar Kaspju. Iffaċilitat tagħbija li kienet tinvolvi entitajiet indikati tan-NU u tal-Istati Uniti, bħall-Bank Melli, permezz ta' trasbord ta' merkanzija ta' tħassib fir-rigward tal-proliferazzjoni minn pajjiżi bħar-Russja u l-Kazakhstan lejn l-Iran.	26.7.2010
n)	Leading Maritime Pte Ltd (magħrufa wkoll bħala Leadmarine; magħrufa wkoll bħala Asia Marine Network Pte Ltd; magħrufa wkoll bħala IRISL Asia Pte Ltd; magħrufa wkoll bħala Leadmaritime)	200 Middle Road #14-01 Prime Centre Singapore 188980 (alt. 199090)	Leadmarine, taġixxi għan-nom tal-HDSL f'Singapore. Qabel kienet magħrufa bħala Asia Marine Network Pte Ltd u IRISL ASia Pte Ltd, u aġixxiet għan-nom tal-IRISL f'Singapore.	26.7.2010
o)	Marble Shipping Limited (Malta)	143/1 Tower Road, Sliema, Slm 1604, Malta	Ippossedut jew ikkontrollata mill-IRISL.	26.7.2010
p)	Oasis Freight Agency	Al Meena Street, Opposite Dubai Ports & Customs, 2nd Floor, Sharaf Building, Dubai, United Arab Emirates; Sharaf Building, 1st Floor, Al Mankhool St., Bur Dubai, P.O. Box 5562, Dubai, United Arab Emirates; Sharaf Building, No 4, 2nd Floor, Al Meena Road, Opposite Customs, Dubai, United Arab Emirates, Kayed Ahli Building, Jamal Abdul Nasser Road (Parallel to Al Wahda St.), P.O. Box 4840, Sharjah, United Arab Emirates	Taġixxi f'isem l-IRISL fl-Emirati Għarab Magħquda waqt li tipprovdi karburant u stores, tagħmir, partijiet, u tiswija ta' bastimenti. Taġixxi wkoll għan-nom tal-HDSL.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	q) Safiran Payam Darya (magħrufa wkoll bħala Safiran Payam Darya Shipping Lines, magħrufa wkoll bħala SAPID Shipping Company)	No 1 Eighth Narengestan, Artesh Street, Farmanieh, P.O.Box 19635-1116, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: 33 Eighth Narenjestan, Artesh Street, P.O. Box 19635-1116, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: Third Floor of IRISL's Aseman Tower	Taġixxi għan-nom tal-IRISL waqt li twettaq servizzi bl-ingrossa.	26.7.2010
	r) Santexlines (magħrufa wkoll bħala IRISL China Shipping Company Ltd, magħrufa wkoll bħala Yi Hang Shipping Company)	Suite 1501, Shanghai Zhongrong Plaza, 1088, Pudong(S) road, Shanghai 200122, Shanghai, China Indirizz Alternattiv: F23A-D, Times Plaza No 1, Taizi Road, Shekou, Shenzhen 518067, China	Santexlines taġixxi għan-nom tal-HDSL. Qabel kienet magħrufa bħala IRISL China shipping Company, hija aġixxiet għan-nom tal-IRISL fiċ-Ċina.	26.7.2010
	s) Shipping Computer Services Company (SCSCOL)	No37 Asseman Shahid Sayyad Shirazee sq., Pasdaran ave., P.O. Box 1587553 1351, Tehran, Iran; No13, 1st Floor, Abgan Alley, Aban ave., Karimkhan Zand Blvd, Tehran 15976, Iran.	Ipposseduta jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom tal-IRISL	26.7.2010
	t) SISCO Shipping Company Ltd (magħrufa wkoll bħala IRISL Korea Ltd)	Għandha uffiċċji f'Seoul u Busan, South Korea	Taġixxi għan-nom tal-IRISL fil-Korea f'Isfel	26.7.2010
	u) Soroush Saramin Asatir (SSA)	No 5, Shabnam Alley, Golriz St., Shahid Motahhari Ave., Tehran-Iran, P.O.Box 19635-114 No 14 (alt. 5) Shabnam Alley, Fajr Street, Shahid Motahhari Avenue, P.O. Box 196365-1114, Tehran, Iran	Taġixxi għan-nom tal-IRISL. Kumpannija maniġerjali tal-bastimenti bbażata f'Tehran taġixxi bħala maniġer tekniku għal ħafna bastimenti tas-SAPID	26.7.2010
	v) South Way Shipping Agency Co Ltd	No 101, Shabnam Alley, Ghaem Magham Street, Tehran, Iran	Ikkontrollata mill-IRISL u taġixxi għall-IRISL f'portijiet Iranjani waqt li tissorvelja tali kompiti bħall-ġarr u l-ħatt.	26.7.2010
	w) Valfajr 8th Shipping Line Co. (magħrufa wkoll bħala Valfajr)	No119, Corner Shabnam Ally, Shoaa Square Ghaem-Magam Farahani, Tehran - Iran P.O.Box 15875/4155 Indirizz Alternattiv: Abyar Alley, Corner of Shahid Azodi St. & Karim Khan Zand Ave. Tehran, Iran; Shahid Azodi St. Karim Khan Zand Zand Ave., Abiar Alley. PO Box 4155, Tehran, Iran	Sussidjarja pposseduta 100% mill-IRISL. Hija twettaq trasferimenti bejn l-Iran u l-Istati tal-Golf bħall-Kuwajt, il-Qatar, il-Baħrejn, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Arabja Sawdija. Il-Valfajr hija sussidjarja bbażata f'Dubai tal-Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL) li tipprovdi servizzi ta' lanċa u servizzi reġjonali distributorji, u kultant iġġorr merkanzija u passiġġieri fil-Golf Persjan. Il-Valfajr ibbukkjat ekwipaġġ tal-bastimenti f'Dubai, ibbukkjat servizzi ta' forniment tal-bastimenti, ħejjiet bastimenti għall-wasla u t-tluq u għat-tagħbija u l-ħatt u l-ġarr fil-port. Il-Valfajr tieqaf f'portijiet fil-Golf Persjan u l-Indja. Sa min-nofs Ġunju 2009, il-Valfajr ikkondividiet l-istess bini mal-IRISL f'Port Rashid f'Dubai, fl-Emirati Għarab Magħquda, kif ukoll ikkondividiet l-istess bini mal-IRISL f'Tehran, l-Iran.	26.7.2010'